MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 36/1998/1

Raymond Tabone .

vs

Lawrence Tabone f'ismu u bhala mandatarju tal-imsefrin hutu Joseph Tabone u Josephine Baker ;
Margaret Buttigieg ;
Angela Buttigieg ;
Rose Van Brockdorff ; u
Registratur ta' l-artijiet ghal kull interess li jista' jkollu .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

Illi huwa l-eredi generali ta' Maria Tabone, bint xebba ta' Giusepp Tabone u Angela nee' Muscat illi kienet tigi z-zija paterna tieghu u mietet fit-tmienja (8) ta' Mejju elf disa' mija u sebgha u disghin (1997), u dan kif jirrizulta mit-

testment taghha fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech tal-ghoxrin (20) ta' Marzu elf disa' mija u sitta u disghin (1996) ;

Illi l-imsemmija Maria Tabone kienet xtrat maqjel qadim ghal l-annimali fi Triq Biccieri, fil-Qala, Ghawdex, bla numru u bil-gardina ta' madwar erba' kejliet pari ghal madwar erbgha u sebghin punt tmienja metri kwadri (74.8 m.k.) konfinanti mill-punent ma' sqaq, lvant ma' beni tal-eredi ta' Francesco Formosa u tramuntana ma' beni ta' Angela Tabone, bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru elf disa' mija u hamsa u sittin (1965) ;

Illi dan il-fond kien soggett ghal cens annwu u perpetwu, u dan l-istess cens infeda bis-sahha ta' zewg cedoli pprezentati fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-tnax (12) ta' April elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985) fl-ismijiet 'Maria Tabone -vs- Ursola Debono' Cedola numru 134/1985 u 'Maria Tabone -vs- Reverenda Madre Bertilla Bartolo nomine' Cedola numru 133/1985 . F'dawk ic-cedoli l-konfini ta' dan il-maqjel huma indikati bhala 'tramuntana ma' passagg li jisbokka fi Triq Biccieri, lvant mal-istess passagg u nofsinhar ma' beni ta' Maria Cauchi' . Annessi ma' dawn ic-cedoli hemm ukoll il-pjanta ossia site plan tal-maqjel de quo ;

Illi oltre dan b'kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tat-tlettax (13) ta' Dicembru elf disa' mija u sitta u sittin (1966) lil Maria u ohtha germana Carmela Tabone indivizament bejniethom messewhom il-lok tsa' djar il-Qala, Ghawdex, Triq Biccieri, numru tletin (30) kantuniera ma' Triq Wied is-Simar, numru sebgha u tletin (37) bil-gardina ta' xi nofs siegh soggetta ghal cens triennali lill-Universita'; u ghal piz piju perpetwu;

Illi l-imsemmija Carmela Tabone mietet fit-tmintax (18) ta' Jannar elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) u rregolat is-successjoni taghha b'testment fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tat-tlettax 913) ta' Frar elf disa' mija u hamsa u sebghin (1975) fejn innominat bhala eredi universali taghha lill-imsemmija Maria Tabone .

Illi ghaldaqstant l-attur huwa llum proprjetarju assolut ta' dawn il-beni kollha illi huma murija ahjar fuq il-pjanta hawn annessa bhala Dokument L ;

Illi ghandu jigi spjegat ukoll illi effettivament ir-raba illi huwa fil-fatt proprjeta' tal-esponenti huwa ta' estensjoni akbar minn dik rizultanti mill-kuntratti hawn fuq indikati, ghaliex dawk il-kuntratti l-kejl indikat kien ferm approssimattiv izda l-pussess tar-raba u bini kollu indikat fid-dokument L kien dejjem u esklussivament f'idejn l-esponenti jew l-awturi fit-titolu tieghu ;

Illi ricentement, ghall-habta ta' Settembru 1997, il-konvenuti kollha hlief ir-Registratur tal-Artijiet jew minn minnhom immolestaw lill-esponenti fil-pussess ta' parti minn dan l-immobbli billi dahlu go fiha u bdew jippretendu illi dik il-parti hija effettivament proprjeta' taghhom ;

Illi ricentement ukoll, ghal habta ta' Gunju 1997, l-konvenuti kollha hlief ir-Registratur tal-Artijiet pruvaw jirregistraw parti minn dan l-immobbli bhala taghhom, tant illi l-esponenti kien anke kostrett jipprezenta kawzjoni kontra r-registrazzjoni mitluba mill-konvenuti kollha hlief ir-Registratur tal-Artijiet, u stante illi bejn il-partijiet ma intlahaqx ftehim huwa kien kostrett jipprezenta c-citazzjoni odjerna ai termini tal-Kap. 296 tal-Ligijiet ta' Malta .
Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi intom konvenuti kollha hlief ir-Registratur tal-Artijiet kkommettejtu molestja fil-pussess tal-attur meta f'xi zmien wara l-mewt ta' Maria Tabone, intom dhaltu u okkupajtu xi parti mir-raba u beni immobbli fuq deskritti ;

2. Konsegwentement tikkundannakom tirripristinaw lill-attur fil-pussess ta' dawn il-beni immobbli billi tiddesistu milli tidhlu aktar fl-istess proprjeta' u thalluha a libera dispozizzjoni tal-attur ;

3. Tordna lilek konvenut Registratur tal-Artijiet sabiex tiddesisti milli tirregistra f'isem il-konvenuti l-ohra jew xi hadd minnhom xi parti minn dawn il-beni mmobbli appartenetni lill-attur .

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom ingunti .

Bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-attur kontra taghkom .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur kkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ahwa Tabone li eccepew illi :

1. Fl-ewwel lok l-attur irid jindika car x'tip ta' azzjoni possessorja huwa qieghed jezercita u cioe' hix l-azzjoni sabiex l-attur qua pussessur jinzamm fil-pussess f'kaz ta' molestja (*actio manutentioni*) jew hix l-azzjoni ghar-radd tal-pussess f'kaz ta' spoll (*actio spolii*) ;
2. Illi l-kwistjoni bejn il-partijiet hija dwar delimitazzjoni tal-konfini bejn l-art li hija proprjeta' tal-attur li giet akkwistata mill-awturi fit-titolu tieghu bil-kuntratt ta' divizjoni tat-13 ta' Dicembru 1966, fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi u bil-kuntratt ta' kompravendita' tat-22 ta' Novembru 1965, li sar ukoll fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi, u l-art tal-ecceipjenti li ipperveniet lilhom mill-eredita' ta' missierhom Michael Tabone li miet fl-14 ta' Lulju 1994, u l-kwistjoni ma tistax tigi risolta bil-kawza tentata mill-attur ;
3. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet l-attur irid jipprova wkoll it-titolu tieghu fuq l-art okkupata u fil-pussess tal-konvenuti;
4. Illi l-attur qieghed jippretendi art ta' kejl ferm u ferm akbar mill-art li attwalment kienet giet akkwistata mill-awturi fit-titolu tieghu bil-kuntratti fuq imsemmija, u l-kejl tal-art li qieghed jippretendi l-attur li huwa ta' elf erba' mija u sitta u hamsin metri kwadri (1ċ456 m.k.) kif iddikjara l-istess attur meta applika ghar-

registrazzjoni tat-titolu tal-proprjeta' mal-Land Registry certament li ma jikkostitwix kejl approssimattiv ghal kejl tal-art indikata fil-kuntratt citati li huwa ta' cirka hames mija u hamsa u erbghin metri kwadri (545 m.k.), kuntrarjament ghal dak li ppremetta u ddikjara l-attur bil-gurament tieghu fic-citazzjoni ;

5. Illi l-art fil-pussess tal-konvenuti qatt ma kienet fil-pussess tal-attur u lanqas tal-awturi tieghu Maria u Carmela ahwa Tabone ;

6. Illi l-art li l-awturi fit-titolu tal-attur u cioe' Maria Tabone kienu xtraw mal-maqjel bil-kuntratt tat-22 ta' Novembru 1965, fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi, li sussegwentement ic-cens annwu u perpetwu gravanti lil din il-proprjeta' kien infeda bic-cedoli ta' depozitu u ta' fidi bin-numri 133/1985 u 134.1985, ma tirreferix ghall-istess art fil-pussess tal-eccipjenti ;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti mahlufa minn Lawrence Tabone .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor Registratur ta' l-Artijiet li eccepixxa illi :

Illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza .

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, huwa jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti .

Illi huwa m'ghandux ibati spejjez .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut mahlufa minn Dr. Godwin Grima .

Rat il-verbal taghha tat-28 ta’ April 1998 fejn innominat lill-avukat Dottor Kevin Mompalao bhala perit legali u lill-A.I.C. Edward Scerri bhala perit tekniku sabiex jiehdu konjizzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti .

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Marzu 2003 fejn irrevokat l-inkarigu tal-perit legali .

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat il-verbal taghha tas-17 ta' Ottubru 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha sew minnha kif ukoll mill-perit legali u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti giet irtirata wara li l-attur fl-ewwel udjenza ddikjara illi l-kawza ttentata minnu hija dik ta' manutenzjoni[1] . Rigward it-tieni eccezzjoni, l-konvenuti ghandhom ragun jghidu illi b'din il-kawza mhix ser tigi solvuta l-kwistjoni li tezisti bejn il-kontendenti dwar il-proprjeta' ta' bicca art il-Qala, Ghawdex, kontestata bejniethom, “*ghax jekk il-kawza hi possessorja, l-istess ma ssirx ta' natura petitorja minhabba l-provi li jirrizultaw* ***hinc inde****; ghax ir-regola li tipprojbixxi l-kumulu tal-petitorju mal-possessorju hija ta' ordni pubbliku, u din il-projbizzjoni ma tistax tigi sanata bl-akkwijexxenza jew bil-kunsens, espress jew tacitu, tal-kontroparti . U l-gudikant, li f'idejh hija l-osservanza u l-applikazzjoni tal-ligi, ma jistax jahrab minn dik il-projbizzjoni minghajr ma jmur kontra l-awtorita' tal-istess ligi*." [2] Imma b'daqshekk ma jfissirx illi l-kawza prezenti ma setghetx issir, ghax kif ifisser ir-**Ricci :**

“*il possesso …. e’ costituito da una condizione di fatto che la legge, nell’interesse dell’ordine sociale, vuole sia rispettata . Nell’intento di assicurare questo rispetto, essa accorda l’esercizio delle azioni possessorie, il cui scopo e’ appunto quello di conservare o di ristabilire una condizione di fatto che esige rispetto*.”[3]

[1] Ara verbal ta' l-udjenza tat-28.4.1998 a fol. 64 tal-process .
[2] Alfredo Cachia Zammit et vs Raffaele Barbara : Prim'Awla : 27.11.59 .
[3] Corso Teorico - Pratico di Diritto Civile vol. V para. 92 .

Dawn l-azzjonijiet possessorji taht il-Kodici Civili taghna huma tnejn u cioe' :

(i) l-azzjoni sabiex il-pussessur jinzamm fil-pussess f'kaz ta' molestja (art. 534) ; u

(ii) l-azzjoni ghar-radd tal-pussess f'kaz ta' spoll (art. 535) .

Fl-ewwel kaz l-attur li jkun gie disturbat fil-pussess jitlob li ma jibqghax jigi mfixkel fit-tgawdija tieghu tal-haga . Fit-tieni kaz jitlob li jerga' jitqieghed fl-istat li kien qabel ma gie mnezza bi vjolenza jew bil-mohbi minn dak il-pussess . Il-**Borsari** hekk ifissir id-distinzjoni bejn iz-zewg azzjonijiet :

"*Chi e' molestato nel possesso puo' chiedere la manutenzione e chi e' stato spogliato del possesso puo' chiedere la reintegrazione: in quel caso il possesso si ritiene quantunque intorbidato dalla molestia, in questo il possesso e' perduto*." [4]

Gia ntqal illi b'din il-kawza l-attur ittenta l-*actio manutentionis* . F'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet : "Grace Agius v. Angiolina Cutajar"[5] insibu din id-definizzjoni klassika ta' l-elementi ta' l-azzjoni possessorja tal-mautenzjoni :

"*Sabiex din l-azzjoni tista' tirnexxi jehtieg li jirrikorru erba' elementi, u cioe', l-attur irid jipprova li :*

*(a) l-azzjoni tieghu tirrigwarda oggett immobbli jew universalita' ta' hwejjeg mobbli ,*

*(b) li huwa jinsab fil-pussess ta' liema xorta jkun, tal-haga ,*

*(c) li jkun gie mmolestat f'dan il-pussess, u*

*(d) li l-azzjoni tkun giet ezercitata fi zmien sena mill-molestja .*

*Inoltre, skond il-ligi, il-pussess irid ikun fis-sens tad-definizzjoni moghtija mill-artikolu 524 tal-Kodici Civili (Kap. 16) . Huwa ghalhekk indifferenti jekk il-pussess kienx legittimu, jew illegittimu, in buona fede jew in mala fede u jekk ikollux bhala oggett id-detenzjoni tal-haga korporali jew it-tgawdija ta' xi jedd, basta li dik id-detenzjoni u dik it-tgawdija tkun "***animo domini***" . Jizdied ukoll illi kwantu*

4 Commentario al Codice Civile vol. II. para. 1186 .
5 kollez. vol. XLIII. I. 97.

*ghall-molestja, din tista' tikkonsisti fi kwalunkwe att guridiku jew fatt materjali li jikkostitwixxi jew jimplika pretensjoni kuntrarja ghall-pussess ta' haddiehor." (ara ukoll Michele Azzopardi v Giuseppe Farrugia - Kollez. XXVII. I. 622) .*

Fil-kaz in ezami nsibu li l-attur qed jikkontendi illi ftit xhur qabel pprezenta l-kawza tieghu, il-konvenuti ddisturbawh fil-pussess tieghu  ta' parti mill-ghalqa ndikata bin-numru tnejn (2) u delinejata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta Dok. N1[6] u precizament dik il-parti ikkulurita blu skur fuq il-pjanta esebita mill-konvenuti quddiem il-perit legali[7], meta applikaw mal-konvenut Registratur ta' l-Artijiet sabiex din il-bicca art tigi registrata f'isimhom .  Infatti hekk kif sar jaf b'dan, applika ghal kawzjoni fuq din l-applikazzjoni[8] .

M'hemmx dubbju illi l-ewwel element ta' kawza bhal dik prezenti huwa sodisfatt .  L-attur qed jallega li gie molestat fil-pussess ta' bicca art il-Qala, u ghalhekk ghandna **oggett immobbli** .

It-tieni rekwizit huwa li l-attur ikun jinsab fil-**pussess ta' liema xorta jkun,** tal-haga . Kuntrarjament ghal dak li tirrikjedi l-ligi kontinentali[9], dan il-pussess m'hemmx ghalfejn ikun legittimu u lanqas jissemma xi perijodu partikolari .  Imma kif gie mfisser fil-gurisprudenza lokali, l-pussess irid jiftiehem fis-sens moghti mill-artiklu 524 tal-Kodici Civili . "*Il nostro legislatore concede l'azione di manutenzione a qualunque possessore, sia esso legittimo o illegittimo, di buona o mala fede, purche' la illegittimita', cioe' la violenza, la clandestinita' e la precarieta', non sia stata operata contro il convenuto, il quale deve essere difeso come contro un ingiusto spogliatore.*"[10]

---

[6] a fol. 228 tal-process .
[7] Dok. PQ 2 ;  kopja ta' liema regghet giet esebita flimkien ma'  n-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-konvenuti a fol. 276 tal-process .
[8] ara Nota ta' l-ufficcjal Inkarigat mir-Registru ta' l-Artijiet tal-11.2.2002 a fol. 102 u pjanta annessa bhala  Dok. A  a fol. 103 tal-process u partikolarment dik l-ghalqa indikata bhala  LRA  G 421/97 u caution LRC G 176/97  .
[9] ara Mattirolo : Trattato di Diritto Giudizziario Civile Italiano vol. I para. 253 .
[10] Appell : Azzopardi vs Farrugia vol.XXVII. I. 622  (1930) .

Fil-kaz in ezami nsibu illi l-awturi fit-titolu ta' l-attur, iz-zijiet paterni tieghu Maria u Carmela ahwa Tabone, li taghhom huwa eredi universali, kienu ta' spiss johorgu n-naghag li kienu jzommu f'maqjel qrib din l-ghalqa sabiex jirghu fiha . Infatti kien hemm anke bieb jaghti ghal fuq din l-ghalqa.[11] Dan baqa' jsir ta' lanqas sakemm mietet Carmela, ghax imbaghad in-naghag inbieghu kollha . Intqal ukoll illi dawn kienu anke jitfghu d-demel taghhom f'din l-ghalqa u hadd ma kien ikellimhom .

Il-konvenut Lawrence Tabone jsostni illi dan kien isir b'semplici tolleranza ta' missieru, li kien akkwista l-ghalqa minghand nies maghrufa bil-laqam "tal-Bambin", wara li familja ohra bil-laqam "tan-Naq" evakwaw mill-fond li kien hemm fl-inhawi wara li dan iggarraf xi sittin sena ilu . Missieru kien jghaddi minn hemm biex idahhal jew johrog il-hmara li kellu mill-maqjel . Huwa ressaq ukoll xi xhieda biex jikkorroborawh f'dan . Jghid ukoll illi meta ghall-habta tas-sena 1992 ittenta jerga' jibni parti mill-hitan imgarrfin li kienu waqghu ghal go din il-parti ta' l-ghalqa, zitu Maria Tabone li kienet ghadha hajja, hallietu jaghmel dan liberament u qabel qatt ma ghamlet ebda osservazzjoni li dan il-gebel imwaqqa kien qed jingombralha l-ghalqa .

Minn naha l-ohra l-attur isostni illi zitu Maria Tabone tant kienet tqis illi din il-bicca ghalqa kienet tifforma parti ntegrali mill-proprjeta' li kienet akkwistat fl-istess inhawi permezz ta' kuntratt in atti Nutar Giuseppe Cauchi tat-22 ta' Novembru 1965, illi meta giet biex tifdi c-cnus pagabbli fuq l-istess proprjeta' fis-sena 1985, tat irjihat li kienu jinkludu wkoll il-parti kontestata mill-ghalqa .

Irid jinghad illi l-kontendenti f'din il-kawza huma kugini, tfal ta' l-ahwa . Il-genituri taghhom ilkoll wirtu proprjeta' fl-inhawi ta' din l-ghalqa u jidher illi sakemm l-ahwa kienu ghadhom hajjin, dawn ma kienux ifittxu bejniethom b'xi mod partikolari . Kulhadd kien jaghmel l-uzu li jidhirlu mid-diversi bicciet ta' ghelieqi mdawrin go xulxin ezistenti fl-inhawi . Din il-Qorti stess setghet tikkonstata waqt access li zammet fuq il-post[12], illi minhabba l-bini imgarraf

---

[11] Dok. RT. 1 esebit mil-attur fis-seduta peritali nru. I tal-11.6.1998 .
[12] ara verbal ta' l-access tas-17.10.03 a fol. 254 - 255 tal-process .

u hafna gebel mitluq fil-parti ta' l-ghalqa in kontestazzjoni, ma tantx seta' jsir uzu prattiku mill-art in kontestazzjoni .

F'tali cirkostanzi jidher illi l-pussess ta' din il-parti ta' l-ghalqa kien ekwivoku bejn il-komponenti kollha tal-familja Tabone, ta' l-inqas sakemm damet hajja z-zija tal-kontendenti Carmela Tabone . Ma jidhirx illi minn dakinhar 'l hawn sar xi uzu prattiku minnha la minn ohtha Maria Tabone u lanqas minn huwa Mikieli, missier il-konvenuti . Din il-pozizzjoni lanqas ma tidher li nbidlet b'xi mod sostanzjali wara li mietu dawn ta' l-ahhar u dahlu minflokhom il-kontendenti . Hadd minnhom ma rnexxielu jipprova illi lahaq akkwista xi pussess esklussiv ta' din il-bicca art a skapitu ta' l-iehor . Fil-fehma taghha ghalhekk jirrizulta ghalhekk illi kien hemm pussess komuni bejn il-kontendenti . Imma kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell :

"*Anke jekk il-pussess turbat mill-konvenut kien komuni mieghu, dak il-pussess huwa l-istess manutenibbli, ghax mhux mehtieg li l-pussess ikun esklussiv biex ikun protett bl-azzjoni ta' manutenzjoni, billi din l-azzjoni hija koncessa anke bejn komproprjetarji jew kompossessuri tal-haga komuni*."[13]

Din il-gurisprudenza jidher illi qed tirrifletti dak li nsibu fid-dottrina legali f'dan ir-rigward fis-sens illi :

"*L'esclusivita' del possesso…. non impedisce che sopra un'unica cosa possano concorrere piu' possessi o, in altre parole, che una unica cosa possa costituire l'oggetto mediato di vari possessi aventi per oggetto immediato vari diritti, diversi o uguali nella loro entita', appartenenti a piu' persone*."[14]

**Il-molestja tal-pussess** ta' l-attur sehhet bil-fatt illi l-konvenuti, wara li ghamlu denunzja addizzjonali sabiex jinkludu din il-bicca art mal-bqija tal-proprjeta' li kienu wirtu

[13] Grace Agius pro. et noe. vs Angiolina Cutajar : 13.2.1959, citata favorevolment fl-Appell : Carmelo Camilleri vs Carmelo D"Amato : 30.6.2000 vol. LXXXIV. II. 402
[14] Digesto Italiano vol. XVIII. pte. 2 da. Del Possesso para. 349 pag. 1483

minghand missierhom, applikaw mar-Registratur ta' l-Artijiet sabiex l-istess art tigi registrata f'isimhom . L-attur hekk kif induna b'dan, meta kien qed jipprepara d-denunzja ta' zitu Maria, minnufih dahhal kawzjoni kontra din l-applikazzjoni . Il-**Mattirolo** jghid f'dan ir-rigward illi :

"Affinche vi sia molestia e' necessario un atto, arbitrario, che sia contrario alla volonta' del possessore, offenda il possesso di costui, e sia stato commesso con intenzione, ossia con la pretesa, con l'animo di negare al possessore la pienezza del suo diritto e di esercitare un diritto sulla cosa da altri posseduta . La molestia puo' essere di fatto o di diritto."[15]

Fil-kaz taghna ma kellniex molestja ta' fatt . Infatti l-attur innifsu jammetti illi l-konvenuti fil-mandra ma' dahlux.[16] Imma kien hemm molestja ta' dritt meta l-konvenuti ttentaw jinkorporaw l-art in kontestazzjoni ma' art li riedu jirregistraw mar-Registru ta' l-Artijiet a skapitu tal-pretensjonijiet fuq l-istess art li kellu l-attur . Li att simili huwa wkoll tutelabbli b'azzjoni ta' manutenzjoni taht il-ligi taghna gia gie mfisser aktar 'l fuq.[17]

Li l-kawza prezenti giet **intavolata fi zmien sena mill-molestja** gie wkoll ippruvat . Maria Tabone mietet fit-8 ta' Mejju 1997 . Xi xahar wara l-konvenuti applikaw biex jirregistraw din l-art kif inghad, u l-kawza odjerna giet ipprezentata fit-2 ta' Frar 1998.[18]

Ghal dawn il-motivi u peress illi rrizultaw ippruvati l-elementi kollha mehtiega sabiex tirnexxi azzjoni ta' manutenzjoni bhal dik prezenti, tiddecidi l-kawza billi :

1. tiddikjara illi l-konvenuti ahwa Tabone kkomettew molestja fil-pussess komuni li l-attur kellu flimkien maghhom ta' l-art in kontestazzjoni, meta dawn

---

[15] op. cit. para. 262 .
[16] ara depozizzjoni ta' l-attur tal-11.6.1998 quddiem il-perit legali a fol. 2 .
[17] ara Grace Agius vs Angiolina Cutajar; kollez. XLIII. I. 97 .
[18] ara depozizzjoni ta' l-attur tal-11.6.1998 u Nota ta' Dr. Marlin Vella fuq indikata .

applikaw sabiex jirregistraw l-istess art f'isimhom mal-konvenut l-iehor Registratur ta' l-Artijiet ;

2. tichad it-tieni talba billi ma rrizultatx; u

3. tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut l-iehor Registratur ta' l-Artijiet sabiex jiddesisti milli jirregistra f'isem il-konvenuti l-ohra jew xi hadd minnhom l-istess bicca art .

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ghandhom jigu ssoportati bin-nofs bejn l-attur minn naha u l-konvenuti ahwa Tabone minn naha l-ohra .

S3698Pc
3025

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------